KLR 21/VIII/2021

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta, 30 ta' Marzu, 2021 fil-17:00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, Il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, il-membri Michel Buttigieg, Joseph Debrincat, Marcell Tabone, Charlie Hili, Maria Portelli u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

## 21.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

Nhar il-Erbgħa, 17 ta' Frar, 2021 fid-09:00, saret laqgħa fil-bini tal-Kunsill mas-Supretendenti l-ġdid tad-distrett t'Għawdex Joseph Hersey. Matul din il-laqgħa ġew diskussi diversi punti li jolqtu lir-Rabat fosthom il-*Community Policing* li ser jiġu ntrodotti f'Novembru li ġej, il-Pulizija li jużaw is-*segway*, vandaliżmu li jkun hemm fil-*playing field*, aktar *patrols* bil-karozzi tal-pulizija, u ssemmiet ukoll il-*bye-law* li l-Kunsill għandu fir-rigward tax-xorb alkoħoliku f'postijiet pubbliċi. Dawn il-laqgħat mas-Supretendent tal-Pulizija ser jibdew isiru kull xahar.

## 21.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li qed isir ix-xogħol fuq l-applikazzjoni għall-Espressjoni ta' Interess – Il-Belt jew ir-Raħal Kulturali tas-Sena 2022, SPI/SCI/8/2020. Id-draft tal-programm hu anness f'Dokument A. Din tagħlaq nhar it-8 t'April 2021.

Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li l-klabbs tal-futbol għandna ninvolvuhom aktar. Dawn huma NGOs li jaħdmu s-sena kollha. Il-membri qablu li jekk jinħarġu skemi li jirrigwardjaw l-isport, il-Kunsill għandu jkun minn ta' quddiem biex jaħdem mat-tlett klabbs tal-futbol tar-Rabat.

## 21.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

21.3.1 Reġgħet tressqet l-iSkema Reġjonali – Kultura Għawdex 2021. Il-membri qablu li l-Kunsill jikkomunika mad-Direttur tal-Oratorju Don Bosco sabiex jekk dan jaċċetta, din l-applikazzjoni tinħadem konġunta mal-Oratorju Don Bosco.

21.3.2 Tressqet il-preżentazzjoni rigward il-proġett *Slow Streets* li qed isir b'kollaborazzjoni mal-Assoċjazzjoni għal-Kunsilli Lokali.

21.3.3 Tressqet stima ta' GaleaCurmi Eng. rigward bozza ġdida fit-Telgħa ta' Majru, qabel tinżel il-Lunzjata. Irid isir arblu ġdid u l-istima hi ta' €3,269.02. Il-membri qablu li ssir.

Tressqet korrispondenza mingħand:-

21.3.4 id-Dipartimet tal-Artijiet rigward it-triq ta' bejn l-iskejjel sekondarji li hemm bejn Triq Fortunato Mizzi u Triq l-Ewropa. Din ġiet konfermata li hi propjeta' tal-Gvern. Il-Kunsill propona li din tissemma Triq Duminku Mintoff u l-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex ġie nfurmat b'dan;

21.3.5 id-Direttorat għal Servizzi Edukattivi fejn il-Kunsill intalab jinnomina l-President Kunsilli Skolastiċi 2021-2022. Billi s-Sindku u l-Viċi Sikdu ma jistgħux ikunu nominati minħabba li għandhom it-tfal jattendu l-iskola Primarja tar-Rabat, il-membri qablu li tiġi nominatha l-membru Maria Portelli;

21.3.6 Eko-Għawdex rigward il-piċċ tal-boċċi li l-Kunsill għandu d-devoluzzjoni tiegħu. Il-Kunsill intalab il-permess sabiex minn naħa ta' Eko-Għawdex jiġi żviluppat dan is-sit. Il-membri ma sabux oġġezzjoni u għandhom jintalbu kopji tal-pjanti ta' kif hu propost li jiġi msebbaħ dan is-sit;

21.3.7 l-Avukat tal-Kunsill, Dr Georgine Grech fejn bgħatet kopja tad-deċiżjoni mill-Qorti ta' l-Appell li permezz tagħha reġgħet ġiet fis-seħħ id-deċiżjoni oriġinali tal-Kunsill dwar ir-rilokazzjoni tal-Monti.

**21.4 *'New Energy efficent lighting system for St George's Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo.'* LCF/16/2020 – *update***

Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) permezz tad-*Development Planning Fund* aċċettat li tiffinanzja €194,370.91 sabiex isir il-proġett '*New Energy efficent lighting system for St George's Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo.*' Il-PA bgħatet draft tal-kuntratt sabiex dan jiġi rivedut mill-Kunsill u finalment iffirmat mill-partijiet. Sadanittant qed isir ix-xogħol preparatorju sabiex tinħareġ l-offerta relatata.

**21.5 Immaniġjar tat-traffiku**

Transport Malta (TM) approvat:-

21.5.1 double yellow lines fi Triq il-Mitħna faċċata ta' sqaq li jieħdok għall-għelieqi;

21.5.2 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' għal-sena quddiem ir-residenza ta' George Cassar, Blk G, Flat 4, Triq taċ-Ċawla;

21.5.3 double yellow line biswit 'Calleja Court', Triq is-Sagħtar, fejn tidjieq it-triq.

21.5.4 Dwar Triq Għajn Qatet maġenb id-daħla tal-isptar, TM issuġġeriet li jsiru sinjali fl-art biex is-sewwieqa jnaqqsu l-velocita' tas-sewqan qabel isiru r-*rumble strips*, peress li dawn jagħmlu xi ftit storbju. Jekk bis-sinjali ma jkunx hemm differenza, imbagħad isiru r-*rumble strips*. Il-membru Debrincat qal li ltaqa' *on site* ma rapreżentanti ta' TM u dan indikalhom li jekk isiru 4 strixxi ta' *rumble strips* fejn ikunu l-bogħod mid-djar residenzjali, jkun biżżejjed. Il-membri ma sabux oġġezzjoni li jsiru dawn ir-*rumble strips*.

21.5.5 Il-membri qablu sabiex jittieħed il-parir ta' TM fir-rigward tal-*buses* li qed jgħaddu minn Triq it-8 ta' Diċembru. Dawn qed isibu problema biex jagħddu peress li t-triq hi *two way* u fiha jipparkjaw fuq iż-żewġ naħat. Is-*side streets* ta' dik in-naħa ta' Triq it-Tabib Anton Tabone huma magħluqa għall-vettrui tqal u huma *one way*. Il-Kunsill ser jissuġġerixxi jekk ikunx possibli li l-*buses* jagħddu minn Triq Sir Paul Boffa li hi *one way* u wiesgħa aktar.

21.5.6 Is-Sindku ssuġġerixxa li nitolbu lill-TM sabiex isiru *road humps* fi Triq Ħamamiet qrib ir-razzett. Ir-residenti talbu dawn minħabba li qed ikun hemm sewqan eċċessiv u joħolqu periklu lill-vetturi tar-razzett.

**21.6 Xogħlijiet tal-Kunsill**

21.6.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li nħarġet l-offerta (VLC/02/2021) għar-restawr tal-istatwi taz-zuntier tal-Knisja ta' Santu Wistin u San Ġorġ tal-Ħaġar.

21.6.2 Tressqu stejjem mingħand tlett *suppliers* għal *outdoor gym equipment* sabiex jitpoġġew fil-*playing field* ta' Taċ-Ċawla H.E. Dan wara li l-Kunsill ser jibbenefika minn €5,000 minn skema mngħedija mill-Ministeru għal Għawdex – '*Outdoor Gym Assistance Scheme for Gozitan Local Councils 2020*'. Il-membri ser jevalwaw il-prezzijiet.

**21.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Marzu u April 2021 skond dokumenti B u Ċ annessi.

**21.8 Xogħlijiet oħra**

21.8.1 Il-membri ġew mgħarrfa li l-offerta tat-tindif tal-latrini għalqet u ntefgħu ħames offerti. Din tgħaddi f'idejn il-bord ta' aġġudikazzjoni sabiex issir l-evalwazzjoni u wara li jinħareġ ir-rapport, il-Kunsill jiddeċiedi lil min ser jagħti l-offerta.

Il-membri qablu li:-

21.8.2 Il-Kunsill jitlob lill-Eko-Għawdex sabiex jirranġaw l-latrina ta' Triq Enriko Mizzi u ta' Pjazza Indipendenza. Għandu jintalab ukoll sabiex tiġi esploratha l-possibilita' li fit-Tokk tingħalaq il-latrina tal-irġiel li hemm taħt l-art u tintuża latrina waħda li hemm fuq wara tal-Banca Giuratale. Dan minħabba nuqqas t'aċċessibilita';

21.8.3  titranġa bankina quddiem *beautician* fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex (qrib Pine Forest);

21.8.4  jintalab lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jingħata l-konkos taħt is-siġar tal-ballut fil-parkeġġ il-kbir, n-naħa tal-grawnd Leli Farrugia.  Fil-preżent hu mħarbat u hemm ħafna żrar;

21.8.5  titranġa l-bankina u r-rampa tal-garaxx quddiem N.B. fi  Triq Mro Dirjano Lanzon;

**21.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fis-19:30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 28 t'April 2021, fil-17:00.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri<br>Sindku | Miriam Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |